# BALLATA

Ta' Ġorġ Chetcuti *(Ypsilon)*

Bħal tfajla fl-aħjar tagħha
Li tilbes bl-akbar żina
Sabiex l-ilbies jaqlagħha
U qlub iż-żgħażagħ tikbes bħan-nirien,

Hekk Għawdex ċkejken tagħna
Bil-fwieħa dilek xuxtu,
Fil-libsa tiegħu stagħna
U nkesa ward u ħdura kullimkien.

Ix-xemx fil-baħar nieżla,
U lejn id-dwejra fqajra
Qed jerġgħu l-bdiewa bieżla,
Ilkoll henjin li wettqu l-ħidma tagħhom;

U b'tokki tqal, qawwija,
Fil-ħin sewwa f'widnejhom
Dlonk dwiet l-Ave Marija,
Donnha b'leħenha kieku trid tferraħhom.

Wara jum xogħol, mistrieħa,
Fuq bejt ta' għorfa ċkejkna,
Intasbet mara xiħa,
U f'dak il-ħin, f'dik l-għaxqa ta' għaxqiet,

Minn dak l-imkien imbiegħed,
Mal-fewġa tbus iż-żara',
B'leħen mitfi u mriegħed
Din l-għanja msejkna f'dawk l-inħawi dwiet:

"Fejnkom żewġ żgħażagħ hienja,
Il-ġmiel u l-għaxqa tiegħi,
Għax waħdi ħallejtuni,
Ma bqajtux aktar miegħi?

U hawn ġo din il-għorfa
Waqqħet sikta ta' qabar,
Jien sfajt dejjem nitbekka,
Imkien ma nsib ftit sabar.

"Minn tlugħ sa nżul ix-xmejxa,
Qalb waħda, ferħanin,
Kontu tħaddmu l-egħlieqi
B'dirgħajkom felħanin,
W għalxejn il-ħin kien igħaddi
L-għeja ma jagħmilx bikom.
Donnha dil-ħidma tqila
Aktar saħħa tagħtikom.

"Bl-għaraq li xerred ġbinkom,
Bl-egħruq sħaħ ta' dirgħajkom,
Miksi r-raba' bl-egħlejjel
Hallejtu l-lum warajkom,
U f'dan il-ħin ta' sikta,
Bħal baħar, mewġa f'mewġa,
Ix-xgħir għoli u safrani
Jidher jiżfen mal-fewġa.

"Il-ħsejjes li qed jagħmel
Tistħajlu krib ta' rwieħ.
Inħossha d-diqa f'qalbi
Qiegħda tagħfas bis-sħiħ,
U qisu sħaba sewda
Thedded xita qawwija,
Hsiebi bħal kieku reġa'
Għal dik l-għodwa xitwija.

"Meta ftit bogħod mill-għorfa
Rajtkom taħdmu henjin:
Hu b'sabar kbir kien jaħrat
B'żewġ baqar xjuħ, ġwejdin,
U int warajh ixxerred
Iż-żara' minn ġo idejk
Waqt li fir-radda tordmu
Bir-rifsa ta' riġlejk.

"Iżda kif kont nithenna
B'did-dehra sbejħa tagħkom,
Filwaqt tlissnu xi għanja
Nitgħaxxaq kont nismagħkom.
Tliet sparaturi nstemgħu
Jidwu ma' kullimkien:
Ħabbru li l-għadu kiefer
Gie biex jiżra' n-nirien.
"Kulħadd fuq xogħlu baqa',
Billi sa dak in-nhar
Fuq Għawdex tagħna l-għadu
Ma kien qatt uża nar.
'Mma f'ħin wieħed f'widnejja
Jien smajt ġej bħal twerdin:
Kienu l-egħdewwa ħajna
Minn fuqna għaddejjin.
"W hekk kif f'dak il-waqt ikrah
Għollejt għajnejja 'l fuq,
Ħassejt jaħkimni l-biża'
U bqajt b'fommi mitbuq;
Mis-sema ajruplan ħajjen
Rajt nieżel b'ħeffa kbira,
Waddab bomba u telaq,
Bir-riħ ħassejt tixjira
"Ta' mejt: xħin ġejt f'sessija
Rajt qerda, ħsara w hemm:
Ilmaħt lil binti u żewġha
It-tnejn mgħargħra fid-demm..."
......u 'l hinn, quddiem għajnejha.
Dehrilha qed tilmaħhom
Qegħdin iħarsu lejha.
Iżda kif waqa' d-dlam tal-lejl bħar-rħama
U satar il-ħolqien,
Donnha rathom għas-Sema
Taru id f'id, flimkien,